# Melita Agricola.

RIVISTA TA' CULL XAHAR

LI TOHROĠ MILL-UFFICCIU TAL-BIEDJA.

L-ewwel Sena ] Ottubru, 1933. [ Numru 11.


## *Il-Biedja f'Ottubru.*


(*Prof. J. Borg, MA., M.D., Suprintendent tal-Biedja.*)


Is-sena tal-biedja nistgħu ngħidu li tibda minn Ottubru, u għalhecc, mita icollna x-xita kabel dħul Ottubru, ngħidu li s-sena baccret, u cull jum li jgħaddi wara l-ewwel ta' Ottubru, u l-art għadha ma xxarrbetx, ngħidu li x-xita kiegħda tiddawwar u l-annata titwaħħar. Jecc igħaddi Ottubru wix-xita għadha ma bdietx sewwa, nistgħu ngħidu li l-annata hija mwaħħra. Mita tasal ix-xita ma' dħul Ottubru, il-bidwi jgħidlec li waslet fil-wakt, u l-annata la hi bicrija u inkas imwaħħra. Wara l-ewwel xita ir-raba' jibda jħaddar bin-nebbiet tas-silla u tax-xgħir għal furrajna, chif ucoll bin-nebbiet tal-widna u tal-patata tax-xitwa. Fir-raba' fejn għandu jinżara' il-kamħ, il-maħlut wix-xgħir għan-niexef, wara li jinbet il-ħaxix ħażin, il-bidwi jdaħħal il-moħriet u jiftaħ fetħa l-art biex jekred ir-refgħan tal-ħaxix ħażin u biex l-art tinħadem u tixrob aħjar ix-xita mixtieka. Fittex domm u iġma il-bjad tal-koton li fadal kabel ma jixxarrab bix-xita. Fix-xahar ta' Ottubru, u iżjed il-kuddiem mita l-art tcun irtabet bix-xita, wil-ħaxix ħażin icun chiber, huwa l-aħjar żmien biex tagħżak bid-demel, sewwa bil-banchi u sewwa bid-dakka jew bil-fiesa, biex tlestiha għaż-żrigħ tal-patata bicrija tar-rebbiegħa, jew għal pastard wil-caboċċi mwaħħra ta' Marzu u April, jew għalbiex tieħu wiċċ sabiħ tal-piżelli jew tal-pitravi tal-foraġġ. Il-ful imissu jinżara' f'Ottubru, imma minħabba il-budebbus aħjar li wieħed iħalli dan iż-żrigħ għal l-aħħar gimagħtejn ta' Novembru jew għal dħul Dicembru. Il-kawl Malti jgħidlec li :— *Għal San Luka* (18 ta' Ottubru) *fiż-żara' tistaħba għattuka* ; imma jecc tiddawwar ix-xita, jiġu snin inkas icun jistaħba mużbieħ il-lejl !

It-taħwil tal-kakoċċ sata' sar fi ħruġ Awissu jew f'Settembru, u min għadu ma ħawwelx issa jfittex iħawwel jecc irid jieħu prodott sura fir-rebbiegħa li gejja. Sa dħul dan ix-xahar għadha tista' titħawwel il-gidra ta' l-istaġun ; u għal l-aħħar tax-xahar tibda titħawwel il-gidra tal-foss bicrija. Il-ħmiemel tal-basal imisshom bdew jicbru ġmielhom, chif ucoll il-ħmiemel ta' l-egħlejjel collha li nżirgħu f'Settembru, imma għal min għadu ma' żarax issa, ifittex jiżra' l-ħmiemel tal-pitravi, tal-bkajla, tas-selk, tal-carrotti, tas-sorfolja, tar-ravanell jew figel, u xi ħmiemel tal-currat biex jilħku wara dawc li nżergħu f'Settembru. Jista' jiżra' l-iscorzonera (*Scorzonera hispanica*) u s-Salsifi jew ostrichi vegetali, ħaxix stamt wisk f'pajjiżi oħra, għall-akwa mwejjed. Għadu jista' jgħaddas il-basal li nżamm għaż-żerriegħa u tista' titkassam u tinżara' ix-xalotti wit-tewm. Il-patata tas-sakwi trid tintakax biex it-trab jinħall wil-patata teħxien.

Tista' tħawwel il-crafes, tant tas-soppa chemm tar-rokba, chif ucoll il-crafes tal-gidra (celeriac), u jista' jinżara t-tursin fil-post. Naddaf il-ħmiemel tal-frawli, u neħħi l-għata tal-kara' twil jew ta' ħaxix ieħor li chellhom għad-dell ma' tul is-sajf, biex igawdu x-xemx wix-xtieli tagħhom jissaħħu.

Wara li l-art tixxarrab sewwa bix-xita tista iddemmel is-siġar tal-frott irkik jecc għandhom bżonn. Dan it-tidmil jista' jsir bil-banchi jew bid-dakka fil-fond. Id-demel irid icun misjur sewwa, u ma' għandux jingħata wisk lejn iz-zocc, u l-egħżik ma għandux jinżel iżjed minn sitt pulzieri biex ma jinger-ħux l-egħruk ħoxnin. Il-bidwi għandu jiftacar li s-siġra ticber bl-egħruk tal-fond, u tagħmel il-frott bl-egħruk tal-wiċċ, u għalhecc m' għandux iżarmalha wisk l-egħruk tal-wiċċ bl-egħżik. Ma tul dan ix-xahar wid-dieħel jista' wieħed iċaklak ix-xtieli tal-lanġas, tal-pruna, ta' l-isfargel u tat-tuffieħ, għad li għadhom ma' neżgħux mill-werak, bil-patt li jib-żagħlhom ferm għall-egħruk, u li jneż-żagħhom mill-werak, iħallilhom biss werka jew tnejn fit-truf tal-frieġħi, u jsakkihom sewwa minnufih wara li jħawwel. Dawn ix-xtieli, billi għadha is-sħana, dlonc ixenxlu u jraħħsu u hecc icunu mkabbdin kabel ix-xitwa, u fir-rebbiegħa mita jibdew jicbru, isibu ruħ-hom aħjar minn dawc li jitħawlu fix-xitwa. Minn Ottubru sa April jista' wieħed iħawwel jew jiżra' xi għelejjel kalb is-siġar tal-frott, imbasta mhux krib wisk maz-zocc. Jista' jħawwel jew jiżra' il-gidra, il-ħass, il-pitravi, il-bkajla, is-selk, il-carrotti, il-crafes, il-cosbor wit-tursin, il-piżelli, u xi erba' fuliet; il-pastard, il-caboċċi wil-broccli tkedd wisk, wic-ċiċri tagħmel ħsara cbira.

o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o

**Anthony Tabona & Sons**

Javżaw illi huma xerrejja tal-Prodotti :- Patata, Basal, etc., u importaturi ta' Żrieragħ ta' cull xorta ta' qualità tajba—jatu creditu—javanzaw bagatelli fejn hemm bżonn u xierak.—Il-Bdiewa huma mitluba biex jirricorru għand dawn il-Cuntratturi ta' l-Armata Navali.

61/62, Marina (Ix-Xatt tal-Belt).

# *Il-Bajtar ta' Ghindja.*

(*Prof. J. Borg, M.A., M.D., Suprintendent tal-Biedja.*)

Il-Bajtar tax-Xewc (Opuntia Ficus indica) mhux siġra sabiħa. Imma l-bidwi għandu jfittex dac li hu utili u ta' fejda, u ħadd ma jlumu. Il-bidwi iħawwel il-bajtar l-iżjed madwar ir-razzett, l-ewwelnett għalbiex icollu id-dell wir-rwieħ għat-tigieġ u għal bhejjem tiegħu, li jbatu mhux ftit bis-sħana u bil-killa tax-xemx; it-tieni, għaliex jaf li madwar ir-razzett actarx li ebda siġra oħra ma żżomm, jew għax imissuha l-annimali, jew għaliex il-cotra tad-demel li jħallu dawn l-annimali tispiċċa biex toktol is-siġar l-oħra, imma l-bajtar ma jbati b'xejn, mhux biss, imma chif jgħid il-kawl Malti, *il-Bajtar iħobb l-iwens tar-rziezet*, u hemmhecc jicber malajr, u jrodd cotra ta' frott u ta' pal, u chif jaf culħadd, dan il-pal huwa sombor biex ma' tul in-nixfa tas-sajf, jitkatta' għal l-aħdar, u jintama' lill-annimali biex isaffihom ma' l-ichel niexef tal-ħxielef, silla u ġwież.

Imma jien il-lum irrid nitchellem fuk il-bajtar bħala siġra tal-frott, u saħansitra l-Americani u l-Ingliżi beda jogħġobhom l-frott tal-bajtar, għad li dari chienu jmakdruh u jbarruh minħabba fiż-żerriegħa li fih. Li chiecu ma chinetx din iż-żerriegħa chiecu ma hawnx frotta li tista' tħabbatha mal-bajtra, bħala frotta tajba, frisca għad-demm u ħafifa għal l-istoncu, mimlija biz-zoccor, u għalhecc tajba biex issemmen l-annimali.

Barra mill-bajtar isfar jew bajtar Malti li hu l-oħla mill-bajtar aħmar jew bajtar Ingliż, u mill-bajtar abjad jew franciż li huwa l-iżjed stamt, hemm ucoll il-bajtar lanchieni lanġasi li hu l-aħjar, fil-benna u fit-togħma. Dana jgħidulu ucoll bajtar ta' Skallija għaliex jigi minn Skallija għal ħarifa u fixxitwa, u jinbiegħ tajjeb. Hemm ucoll il-bajtar isfar mwaħħar, mnissel minn Skallija li jibda jsajjar għal ħabta tal-Vitorja u jdum icarcar bis-sajran sa Novembru jew Dicembru. Dan il-bajtar rajnieh l-ewwel darba f'Għawdex, f'ġardina ta' lucanda fl-Imġarr u minn hemmhecc nissilnieh f'Malta. Fl-aħħarnett hemm żewġ għamliet ta' bajtar isfar bla żerriegħa rkika. Dan il-bajtar imnissel min-naħa ta' l-Inghieret, u għad li jibka' ftit irkik, huwa bnin u ħelu wisk. Hemm ucoll bajtar irkik bla żerriegħa, li fih żerriegħa rkika sewda li bilchemm tinħass fl-ichel, wi mnissel min-naħa tal-Marnisi fiż-Żejtun, imma dan il-bajtar huwa żgħir wisk u għalhecc ma jingħoġobx.

Il-bajtar li jsajjar għal ħarifa jew fixxitwa huwa l-iżjed stamt, u jinbagħat minn pajjiż għal ieħor bħala frotta għal fuk l-imwejjed. Għalbiex igiegħlu lis-siġar tagħmel dan il-frott barra minn żmienu, l-Iskallin u bdiewa oħra jużaw jaktgħu il-bajtar mis-siġra malli joħroġ jew malli jiftaħ il-fjur. Inbagħad jatu ftit demel lis-siġra u xi tiskija jew tnejn, wis-siġra minnufih tarġa' toħroġ il-frott, li fil-għadd icun wisk inkas min kabel, imma jħaxxen iżjed u jsajjar imwaħħar. Dan il-bajtar m'għandux jinkata' mis-siġra kabel ma jieħu l-lewn; għandu jinkata' b'difer mill-pala miegħu, biex jista' iżomm għal żmien twil u ma jitħassarx, u jinfirex fuk it-tiben taħt is-sakaf, fejn jgħaddilu r-riħ. Cull razza ta' bajtar hija tajba għal din il-biedja ta' bajtar mwaħħar, imma l-bajtar isfar huwa aħjar u iżjed għammiel mill-ieħor u fost il-bajtar isfar l-aħjar huwa dac il-bajtar lanchieni lanġażi li semmejna kabel.

Xi bdiewa Maltin jgħidulec li biex icolloc siġar li jagħmlu bajtar imwaħħar, mingħajr ma hemm bżonn takta' ż-żahar malli joħroġ, trid għal dħul Awissu takta' l-pal għat-taħwil, b'żewġ paliet jew tlieta, chif soltu jinkata' u tħallih mifrux fl-art fin-niexef sa l-aħħar ta' Ottubru, inbagħad tħawlu chif soltu jit-

ħawwel għal Kaddisin collha, u mhux kabel. Għad li ma nafux sewwa il-għaliex, jiena rajt siġar tal-bajtar, im-ħawwel hecc, jagħmel ftit bajtar fi żmienu, u joħroġ raxxa sabiħa ta' frott fix-xahar ta' Lulju, li nbagħad isajjar għal ħarifa u għax-xitwa. Il-ħsara hi li fil-ħarifa u fix-xitwa l-ġurdien ma jsibx x'jiecol, u jinfexx jiecol dan il-bajtar mwaħħar, li hu hecc stmat.

---

# *Il-Għasel win-Naħal.*

(*P. Borg, F.C.S., F.Z.S., Fitopatologu tad-Dipartiment tal-Biedja.*)

(*Jorbot ma ta' kabel fin-Numru ta' Awissu, facciata 172.*)

---

II.

Ir-regina weħidha hija capaci tifforma l-ferħ, għaliex tibda tbid mingħajr rgiel. Minn dana l-bajd joħroġ il-bagħal tan-naħal li jingalla r-regina. Mill-bajd ingallat joħorġu l-ħaddiema li jibnu x-xehda u jiġbru l-għasel. Allura r-regina ma' jcollha xejn x'tagħmel ħlief tbid minn 2,000 sa 3,000 bajda cull jum. Mita l-bagħal ma jcunx hemm bżonnu iżjed, jigi mchecci mill-bejta jew joħroġ waħdu. Dan jiġri min-nofs Mejju il-kuddiem. Ir-regina ingallata tcompli tbid bajd li minnu joħorġu biss n-naħliet ħaddiema sachemm il-frott tat-tnissil tagħha ma' jibkax tajjeb u allura mill-bajd floc ħaddiema jarġa' jibda joħroġ il-bagħal.

Cultant jingħata il-cas li l-irgejjen imutu collha. Jecc, mita jiġri dan, ma jcunx hemm dukkajjs jew bajd ingallat, il-ferħ joħroġ ifittex regina oħra, u jecc ma isibhiex, jintilef għal collox. Iżda jecc icollu bajd mhux mfakkas dan ma jiġrix. Il-ħaddiema, wara li jitgherfxu ftit għax ma' jcollhomx regina, jagħżlu ftit dukkajs tal-ħaddiema u jibdew jibnu celel tar-rgejjen ma' dwarhom. Dawn ic-celel icunu differenti mic-celel l-oħra billi jcunu wisk acbar, ma' dwar il-għaxar darbiet, u magħmula mix-xama' wil-polline magħġuna flimchien; icollhom ucoll il-għamla ta' coppla makluba. Dawn ic-celel jimlewhom b'sustanza specjali li jgħidulha *pappa reali*, u minn-hom ifakksu rgejjen verġni.

Mita n-naħal ma' jcollhomx dukkajs tal-ħaddiema, imma biss bajd mhux ingallat, jew dukkajs tal-bagħal, inisslu minnhom ucoll rgejjen bl-istess mod, iżda f'dan il-cas ic-cella tcun ta' forma irregulari.

Min jarma bin-naħal chif tillob is-sengħa u jgib minn barra l-caxex u bżonnijiet oħra, għandu jokgħod wisk attent għall folji tax-xama' li jixtri, għaliex bosta huwa l-kerk li jsir fuk dan ix-xama', u jecc icun sejjer jarma sewwa, jakbillu jgib mill-ewwel forma ta' l-azzar biex jaħdmu hu stess. In-naħal jibni fuk cull *fundazzjoni* li tpoggilu, iżda jecc din tcun ta' xama' mħallat jew ta' materjal ieħor, fis-sajf jiġri illi l-fundazzjoni tinħall bis-sħana, u l-għasel jixxerred ġol-caxxa u actarx li mat-tixrid tal-għasel jegħrek in-naħal fih ucoll.

Ix-xama' tan-naħal jinħall b'temperatura ta' 146° F, wakt illi xama' ieħor jinħall wisk actar malajr. Metodu faċli sabiex issib jecc ix-xama' tal-folji huiex safi, jiconsisti filli tagħgen tajjeb biċċa xama' tan-naħal daks żebbuġa u titfagħha f'nofs pinta ġnibru. Ix-xama' jegħrek bħal gebla gewwa l-ġnibru. Ma' dan il-ġnibru tibda żżid bil-mod il-mod l-ilma u tħawwad tajjeb sachemm ix-xama' tegħrek chemm-chemm. Inbagħad tieħu biċċa xama' oħra mill-folji sus-petti u, wara li tagħginha tajjeb ucoll, titfagħha gewwa l-ilma bil-ġnibru mal-

biċċa xama' l-oħra. Jecc din ta' l-aħħar titla' fil-wiċċ ma' tcunx tajba għall-*fundazzjoni*.

Barra minn li għedna hemm bżonn ucoll illi min iżomm in-naħal icun jaf xi ħaġa fuk il-għodod li hemm bżonn biex tiġbor il-prodott mingħajr ħela tal-għasel jew kirda tan-naħal.

*Il-fumigatur.*—Dan l-istrument, magħmul kisu menfaħ tal-cubrit, iservi biex timla l-caxxa bid-duħħan tat-tiben jix-għel, kabel ma wieħed imiss in-naħal. In-naħal malli tmisslu l-bejta jirvella, iżda jecc titfagħlu id-duħħan, jibża' u malajr jibda jimla l-boroż ta' l-għasel li l-ħaddiema igibu taħt żakkhom biex ifittxu jaħarbu u magħhom jieħdu xi ħaġa mill-ħażna li jcollhom. B'dan il-mod iħalli min imissu bla taħbit.

*L-estrattur.*—L-estrattur jicconsisti f'recipient tal-metall li fih icun hemm apparat sabiex fuku jitpoggew ix-xehdiet tal-għasel u jiddawru b'saħħa cbira biż-żejjed biex jisvojtaw ic-celel mill-għasel li jcun fihom.

*Il-flixcun tal-għalf.*—Hemm ħafna qualitajjiet ta' din il-biċċa għodda tant tal-ħgieġ chemm taż-żincu. Hemm ucoll caxex tal-metall li sabuħom wisk aħjar mill-flixcun. Fost dawn, l-aħjar waħda hija l-*Canadian Feeder.*

*Veli.*—Il-veli jservu biex wieħed jilka' ruħu minn xi tingħiża tan-naħal f'wiċċu.

*Is-separatur.*—Din il-biċċa għodda ticconsisti f'lastra tal-metall li fiha mwaħħla magħha apparat żgħir li jħalli n-naħal igħaddu min-naħa waħda. Isservi biex titpoġġa bejn iż-żieda wil-caxxa tan-naħal kabel ma' jintafa' d-duħħan, jew aħjar tnax il-siegħa kabel ma timtess iż-żieda biex jittieħed il-għasel. F'dan iż-żmien iż-żieda ma jcun fiha l-ebda naħla, u wieħed icun jista' jneħħi l-għasel bla taħbit xejn.

Jinħtieġ li n-naħal icollu l-għalf ma' tul ix-xitwa wara li jeħdulu l-għasel u cull mita għal xi raġuni ma jcollux għasel. Dan l-ichel jicconsisti f'ġulepp. L-aħjar ġulepp isir b'dan il-mod ;—tieħu 5 libbri zoccor abjad u 50 ukija ilma ($2^1/_2$ pinet ingliżi) u tħollhom bis-sħana mingħajr ma' tħallih jagħli. In-naħal iġorr dan il-ġulepp u jimlieh fic-celel għal mita jcollu bżonn. Zoccor ismar, għal min isib, jew zoccor tal-kampiena tal-West Indies, tajjeb ucoll, iżda dan għandu jingħata xott u mhux maħlul fl-ilma.

F'ħafna pajjiżi in-naħal jigi mitmugħ iz-zoccor candju, u dan iz-zoccor sabuħ wisk aħjar mill-ġulepp comuni. Isir mill-ġulepp ngazzat chif sejrin ngħidu. Il-ġulepp jigi magħmul minn 5 libbri zoccor abjad, 11 l-ukija ilma, u nofs cuċċarina "cremur tat-tartru." Wara li jagħli għal tliet minuti, dan il-ġulepp għandu jitneħħa minn fuk in-nar u jitpoġġa ġò banju bl-ilma bir-recipient b'collox. Hawn jibka' jitħawwad sachemm isir kisu mdardar. u wara jitfarra' ġò platt biex jicsaħ.

Mita n-naħal jonkoshom il-polline flocu jatuhom ħaġ'oħra li minn li jidher jinkdew biha. Dan jicconsisti fi dkik tal-piżelli li jinxtara bil-pacchetti minn għand il-*grocers*. Dan jingħata mxerred fuk tiben mkatta' rkik u mifrux f'kiegħ caxxa fejn ma' tilħkux ix-xita jew in-nida.

In-naħal għandu tliet mardiet kalila : id-disenterija, il-marda tal-intiena, wil-marda ta' *Wight*. L-ewwel waħda, id-disenterija, hija comuni biż-żejjed fl-inħawi tagħna, l-oħrajn ftit nafu bihom.

Id-disenterija jimirdu biha fix-xitwa u fir-rebbiegħa. Il-cawsi tagħha huma ichel ħażin jew scars, umdità, u nukkas ta' mistrieħ li f'dawn l-istaġuni n-naħal icollu bżonn. In-naħal jieclu ucoll actar għasel jew ġulepp milli imisshom f'dawn l-istaġuni, u mita ma jcunux jistgħu, imħabba fil-maltemp, joħorġu biex jipporgaw barra mill-bejta, żakkhom tintefaħ u jibdew jimirdu. Is-sinjali tal-marda huma ħmieġ mat-tokba tal-bejta jew caxxa, u ħmieġ fuk it-tilari wix-xama.' Il-cura hija semplici ħafna. In-naħal għandu jitneħħa mill-caxxa u jitpoġġa gewwa caxxa oħra niexfa u nadifa. Din il-biċċa xogħol għandha issir f'camra sħuna. It-tilari li jitpoggew fiha għandhom icunu wcoll bix-xehdiet indaf, u jecc l-ajru icun chiesaħ

il-caxxa għandha titgħatta bi gverta tas-suf.

Il-marda ta' l-intiena tagħmel ħafna ħsara fl-Italia. Fil-frieħ morda nsibu ix-xehdiet b'ħafna mic-celel ta' culur sewdieni, u jecc wieħed itakkab waħda minn dawn ic-celel b'zocc ta' suffarina, joħroġ minnha liquidu iswed idellec u actarx jinten ħafna. Din il-marda tmiss ic-celel tad-dukkajs, u naturalment bil-ftit il-ftit jintilef il-ferħ collu. M'hemmx x'tagħmel għal din il-marda, li tinxtered minn ferħ għal ieħor, ħlief li tekred malajr il-ferħ marid bil-għasel u bix-xama' b'collox. Il-caxxa tista' tarġa' isservi għal ferħ ieħor jecc tigi mismuta fl-ilma jagħli għal ftit minuti u wara imnixxfa. Hawn min ineħħi n-naħal marid mill-caxxa u ipoġġih gewwa *basket* jew ġarra, jiddisinfetta l-caxxa chif għedna u wara jarġa' jpoggih fiha u jagħilfu b'ġulepp medicat bil *betanaphtol*, li jinxtara minn għand l-ispiżjari; iżda min għandu ħafna naħal aħjar jekred il-marid mill-ewwel. Il-ġulepp bil-*betanaphtol* isir billi tħoll scruplu (20 gran) minn din il-medicina maħlula fi mgħarfa spirtu tal-brandy ma' ġulepp comuni magħmul b'seba' libbri zoccor.

Il-marda ta' *Wight* jgħidulha hecc għaliex dehret l-ewwel darba fil-gżira ta' Wight, fl-Inghilterra. F'din il-marda in-naħal jibda joħroġ barra mill-caxxa u jiekaf fuk il-passiggiera, u jecc wieħed josserva sewwa dawn in-naħal, isib illi wieħed mill-ġwienaħ ta' wara ma jcunx f'postu imma mkabbeż il-barra. Wara ftit, in-naħal jibda jipporga ħjut suwed u jaka' u jmut. Din il-marda gejja minn organismu speciali, *Nosema Apis*. Żakk in-naħal li jmut b'din il-marda jintefaħ ucoll xi ftit.

Din il-marda diffiċli għall-cura. L-unicu rimedju magħruf għaliha huwa id-disinfettant *Bacterol*. B'dan id-disinfettant isir ġulepp ħafif, $^1/_4$ ta' libbra ma' pinta ingliża (20 ukija) ilma u cuċċarina *Bacterol*. Il-*Bacterol* jitħallat mita il-ġulepp icun chiesaħ. Din il-mistura titbexx fuk in-naħal gewwa l-caxxa b'xi pompa tal-lavanda jew tal-Flit.

Mita n-naħal jimrad b'xi marda minn li semmejna hemm bżonn li l-art fejn tcun kiegħda l-caxxa tan-naħal marid tigi disinfettata wcoll bit-tixrid tal-gir virġni ma' dwar is-sitt piedi wisa' minn cullimchien. Kabel nispiċċa l-mard tan-naħal xierak insemmi l-friefet tax-xama' *Galleria mellonella* u *Achroia grisella*. It-tnejn itakkbu x-xama' tax-xehda u jagħmlu ħafna ħsara billi jxerrdu l-għasel, specialment mita x-xehdiet mimlija bil-għasel icunu maħżuna; iżda għal-chemm dawn il-friefet insibu id-dud tagħhom fil-bejta tan-naħal ucoll, actarx li n-naħal jieħu ħsiebhom malajr u jekridhom mingħajr l-ebda għajnuna.

L-iscop tat-trobbija tan-naħal huwa il-ġbir tal-għasel. Dan għandu jsir bis-sengħa, sabiex ma jcunx hemm ħala u taħlit fil-qualitajjiet tal-għasel, wil-prodott icun tajjeb għas-suk.

Il-għasel għandu jinġabar mit-tilari taż-żieda, u katt mix-xehdiet li fihom id-dukkajs, għax f'dan il-cas ta' l-aħħar, barra milli ssir il-ħsara lill-ferħ billi tekridlu d-dukkajs, il-għasel jitħammeġ bil-polline u bid-dukkajs mgħaffeġ.

It-tilari li jcun sejjer jittieħed il-għasel minnhom għandhom jiġu miftuħa b'sicchina tal-għasel magħmula kisha cazzola ċatta, u wara jigi poġġut bil-galbu fl-estrattur biex jitbattlu c-celel mill-għasel tagħhom. Mita nbattlu c-celel min-naħa waħda, indawru t-tilari sabiex inbattlu ic-celel min-naħa l-oħra.

Il-għasel miġbur b'dan il-mod għandu jigi poġġut f'depuratur. Dan l-istrument jicconsisti f'caldarun bil-għatu u b'vit għoli xi pulzier u nofs mill-kiegħ. Gewwa d-depuratur il-għasel jitħalla għal tlitt xhur sabiex jokgħod u jiċċara. Mid-depuratur jitferragħ fil-ġarar mlestija għal t'apposta.

Fil-ġbir tal-għasel hemm bżonn li l-qualitajjiet tal-għasel ma jiġux mħallta flimchien, iżda jinġabru waħda waħda, jigifieri l-għasel tas-sagħtar jinġabar għalih, u bl-istess mod il-għasel taż-żahar, tas-silla u ta' rmixc ieħor, collox għalih; għaliex dawn il-qualitajjiet collha ħakkhom prezz differenti.

# BDIEWA

Cull bidwi għakli għandu ifittex li jibda juża il-famus demel artificjali

# SULFAT TA' L-AMMONIA

marca **I. C. I.**

**GHAL KAMH, PATATA, TUFFIEH TADAM, BASAL, U GHAL PRODOTTI COLLHA TAR-RABA' U SIĠAR TAL-FROTT.**

*Għaliex għandec tużah :*

1. Hu demel azo at għani li fih minn 20 sa 21 fil-mija Nitrogenu (l-akwa sustanza meħ tieġa għall-prodotti).
2. In-Nitrogenu li fih jinsab f'għamla li jista' jittieħed **malajr** mill-prodott; iżda fl-istess ħin malli jingħata jigi miżmum chimicament mit-trab tar-raba' u ma jistax jintilef jew jigi maħsul mix-xita, ankas jecc tagħmllu kawwi ħafna. Is-Sulfat ta' l-Ammonia jsir ħaġa waħda mat-trab wi-prodott biss jista' jieħdu minnu.
3. Is-Sulfat ta' l-Ammonia tal-marca I. C. I. ma fihx acidu liberu. Dan ifisser li wieħed jista' jżommu fl-ixcora chemm irid mingħajr ma jitlef mill-kawwa tiegħu. Ix-xlocc ma jagħmillu xejn.
4. Billi ma fihx acidu liberu, l-ixchejjer jibkgħu f'condizzjoni tajba u ma jitgħerrewx.
5. Malli jingħata, is-Sulfat ta' l-Ammonia jibda jati is-sustanza tiegħu ftit ftit, b'mod naturali u chemm jinħtieġ. Hu jibka' jgħin lill-prodott sa chemm jasal għall-kligħ.
6. Billi l-ħamrija tar-raba' tagħna hija mgħobbija bil-gir, is-Sulfat ta' l-Ammonia hu wisk iżjed meħtieġ. Bih it-trab jitjieb u ma jagħkadx.
7. Is-Sulfat ta' l-Ammonia hu nadif, ma jintinx, ma jiġborx dubbien, comdu biex jixxerred u ma' jagħmel l-ebda ħsara fl-idejn.
8. Bdiewa għaklin malajr jindunaw li s-Sulfat ta' l-Ammonia hu dejjem orħos minn cull qualità ta' demel ieħor artificjali. Is-Sulfat ta' l-Ammonia tal-marca I. C. I. hu l-icbar ħabib tal-bidwi u jaħdem għalih lejl u nhar biex jassiguralu prodott b'saħtu, prodott bil-cotra, u kligħ acbar tal-flus.
9. Kantar Sulfat ta' l-Ammonia tal-marca I. C. I. jati żieda ta' **6 KANTAR TGHAM** (barra ż-żieda fit-tiben) u **20 Kantar Patata.**

TIBKAX AGHMA GHALL-INTERESS TIEGHEC STESS, IBDA UŻA DAN IL-FAMUS DEMEL ARTIFICJALI — aħseb ordna cmieni biex ma jibdilecx.

# It-Torbija tal-Mogħża Maltija fil-Gżejjer ta' Malta.

(*Alfred Azzopardi, D.Sc. (Agr.), A.I.C., B.E.A.*
*Direttur tal-Oksma tat-Taħriġ u Organizzatur tal-Biedja.*)

(*Meħud minn fuk il "British Goat Society"*).

---

### In-Nisel tal-Mogħża Maltija.

Il-mogħża Maltija (*Hircus metitensis*) tagħmel man-nisel ta' kabil il-mogħża ta' l-Affrica (*Capra hircus africana*). Bosta jaħsbu li hija waħda mix-xorta ta' mogħoż tan-Nubia, fl-Egittu, li chienu xterrdu mal-costa ta' Barbarija collha, fil-gżejjer principali tal-Mediterran u fil-Balcani, u minnha tnisslu razez bastardi li huma stmati ferm, u fosthom il-mogħża maltija li għandna l-lum, u li hija magħżula għalija minn dawc tar-razza ewlenija.

### Il-Għamla ta' Nisel il-Mogħża Maltija wix-xorta ta' Mogħoż Maltin.

Il-vera mogħża tar-razza ħija kasira (minn 23½. sa 25½. pulzier) u tiżen madwar 40 ratal, wil-botbot jiżen madwar 60 ratal, ras żgħira bil-kuċċata ibbuzzata; fartasa (bla krun), widnejn wesgħin twal u mdendlin, għonk irkik u ictarx tawwali, gisimha nadif u safi, suritha sabiħa, xagħarha, li hu twil u fin, ictarx dejjem lewnu kastni, iżda spiss imtabba' b'xi rokgħa ħamranija tati fl-iscur jew fiċ-ċar. Il-bżieżel cbar u mimlijin ġmielhom, b'ras il-beżżula imkabbża l-barra sa minn mita l-mogħża tcun għadha ghidja. Hija bhima fidila u tgħaddi f'cull għalf tal-maxtura. Fl-istess ħin hija għammiela għall-aħħar, u tiled minn tnejn sa tlieta.

Il-mogħża maltija ta' nisel safi m'għadhiex li chienet, iżda tħassret: il-lum il-ġurnata l-biċċa l-cbira tal-mogħoż ta' razza mħallta juru bosta tibdil fil-għamla tagħhom li tbegħidhom mis-sura tar-razza ewlenija. Bicciet minnhom huma mukranin, bi krun żgħar jew cbar, dritti jew imdawrin, fil-wakt li xagħarhom huwa mtabba' bl-aħmar jew bl-iswed, għalchemm f'bosta minnhom, issibu aħmar collu jew abjad collu, jew iswed collu, u xi mindakkiet nofsu abjad u nofsu imżewwak. Il-widnejn ivarjaw ucoll, f'xi wħud minnhom huma żgħar (mejxin jew mondijin) jew dojok u wekfin. Xi mogħoż għandhom xagħarhom kasir (ġarad) kishom imgiżżin; bicciet minnhom bid-dakna u bl-imsielet.

### Numru ta' Mogħoż (1931)

In-numru ta' mogħoż li hawn f'dawn il-Gżejjer huwa ta' 27,315 il-mogħża, li jagħmlu 41 fil-mija tan-numru collu tal-bhejjem li jinsabu fl-irziezet u djar tal-campanja. Fl-1931 inkatlu 5,487 mogħża, fost dawn 885 imħabba li chienu mċappsin bil-mard tad-deni rkik (ondulanti). Bejn wieħed u ieħor il-mogħża tati fis-sena mal-1,210 libbra ħalib (mad-967 infas), għalchemm hawn mogħoż li jatu saħansitra mal-1,320 libbra (mal-1055 infas) fis-sena.

### Il-Mogħża Maltija bħala bhima tal-ħalib.

Il-mogħża maltija l-ictar li tiswa u li hija stmata mħabba ix-xeħta cbira li għandha li taħleb bosta ħalib. Għal dic li hi quantità ta' ħalib hemm min cabbarha iż-żejjed; chien hemm, saħansitra, min kal illi l-mogħża maltija tati 4,400 libbra fis-sena (mal-2592 infas).

B'danacollu, mita wieħed ikis il-quantità ta' ħalib li tati l-mogħża, wil-pis tagħha, il-mogħża maltija, scond il-fehma tiegħi, għandha titkies bħala waħda mill-ictar bhejjem li jatu l-ħalib. Fl-Isvizzera ir-razez ta' Saanen (distrett ta' Berne) u ta' Toggenburg (distrett ta' St Gall) jaħilbu, waħda 1,430 libbra (mal-

1,143 infas) l-oħra 1,700 libbra (mal-1,407 infas), jigifieri ħmistax jew sittax-il-darba il-pis tagħhom. Scond dac li intkal fil-"British Goat Society's Year Book" tas-sena 1931, l-aħjar mogħoż Ingliżi taw bejn wieħed u ieħor 2,010 libbra (mal-1,006 infas) ħalib fis-sena, u billi l-mogħża Ingliża tiżen, bejn wieħed u ieħor, mal-140 libbra, il-ħalib li taħleb huwa mal-$14^2/_5$ il-darba l-pis li tiżen. Il-mogħża Maltija taħleb quantità ta' ħalib li jlaħħak $17^3/_{10}$ il-darba il-pis li tiżen. Din il-quantità ta' ħalib taħilbu wcoll ir-razza ta' mogħoż ta' Murcia (Provincia ta' Spanja), iżda scond il-fehma ta' xi awturi, bħal Tucci, din ir-razza hija l-istess waħda tal-mogħoż maltin, b'xi differenza mħabba t-torbija tagħhom f'pajjiżi u f'postijiet differenti.

Il-mogħża Maltija bħala bhima tal-ħalib tisbok il-mogħoż l-oħra mhux biss f'dic li hi quantità, iżda wcoll f'dic li hi qualità tal-ħalib. Il-ħalib tal-mogħża maltija għandu dic it-togħma bnina li hija speciali u ma ssiblu katt dic ir-riħa miżża li spiss icun fih il-ħalib ta' mogħoż oħra. Il-bosta eżamijiet li saru fuk il-ħalib tal-mogħża maltija juru illi dan il-ħalib fih $5^4/_5$ ta' grass fil-mija, quantità il-fuk minn dic tas-soltu ($4^4/_5$ fil-mija), wil-quantità ta' sostanzi xotti hija wcoll icbar minn dic li soltu jcun fih il-ħalib ta' mogħoż oħra, u għalhecc fih inkas ilma. Difatti il-ħalib tal-mogħża maltija fih $83^1/_{10}$ ilma fil-mija, fil-wakt illi il-ħalib tal-mogħoż l-oħra fih bejn wieħed u ieħor $85\frac{1}{2}$ ilma fil-mija. Sider il-mogħża huwa mimli u cbir għall-aħħar, tant illi f'xi wħud minnhom il-beżżula tmiss ma l-art. Sabiex is-sider jimtela mill-ictar, jeħtieġ illi l-mogħża tcun mitmugħa tajjeb, inclilè il-ħalib jonksilhom mhux ftit. Il-mogħża maltija, għal dac li hu għalf, culħadd jaf li hija ftit u xejn ilħiħa.

### CONDIZJONIJIET TAT-TORBIJA, IMKEJJEL, SANITA' U GĦALF.

L-imkejjel huma mibnijin tal-gebel. Ir-regolamenti tal-Gvern li ħarġu fil-15 ta' Settembru, 1925, jiħtieġu illi l-art tal-makjel tal-mogħoż tcun magħmula b'materjal lixx li minnha l-ilma ma infidx. Dan il-paviment għandu jcollu d-dorog micxufin għat-tnexxija ta' l-aurina tal-mogħoż u għall-ħasil tal-makjel, u dawn id-dorog isuku bil-pendil tagħhom għal fuk sifun b'fommu quadru (*gully trap*). Il-makjel għandu jcollu ftuħ ta' twieki jew tieka ta' mhux inkas minn $^1/_{12}$ ta' wiċċ il-paviment tal-makjel, u għandu jcollu wcoll mhux inkas minn żewġ ventieri jew rewweħiet li flimchien icollhom il-ftuħ ta' pulzier quadru għal cull 15-il-pied cubu tal-makjel.

Fil-ħin ta' l-għalf, il-mogħoż jintrabtu mal-maxtura. Din il-maxtura, jew tcun magħmula f'waħda (ictarx dejjem tal-injam) jew cbira biż-żejjed biex fiha tmaxtar il-merħla collha, jew magħmula għal tliet mogħżiet, għal tnejn, jew saħansitra għal mogħża waħda. Ir-ragel tal-mogħoż dejjem ikis illi il-mogħoż tiegħu jcunu marbutin dejjem bl-istess mod, waħda fejn l-oħra, il-għaliex jecc xi mogħża minnhom ma titkegħidx fis-soltu post tagħha, dawc ta' ħdejha ma jħalluhiex bi quietha u lankas ma jħalluha tiecol. Mogħża li tcun imkarba, jew li wieħed ma jistax isib tarf tagħha, jorbtuha fit-tarf tal-filliera, inchella titkiegħed għaliha. Wara li jieclu, l-imrabat tal-maxtura jerħulhom mit-tul sabiex il-mogħoż icunu jistgħu jimteddu. Fix-xitwa il-kiegħa tal-makjel titgħatta b'mifrex, u dan jitbiddel darbtejn culjum fil-għodu u fil-għaxija mita l-post jitnaddaf. Fis-sajf il-mifrex jitkiegħed biss fil-għaxija, iżda ix-xogħol tad-tnaddif isir darbtejn culjum mita l-mifrex jitneħħa u kabel ma jitkiegħed. Mhux cullħad jagħlef il-mogħoż tiegħu xorta u jatihom l-istess qualità ta' għalf; iżda l-aħjar ragħajja jagħilfu l-merħla tagħhom bħalma se' ngħidu: libbra u nofs (mas-26 ukija) silla niexfa fil-għodu, inbagħad joħorġu l-mogħoż barra fil-bitħa u jiskuhom, u sadattant il-makjel jitnaddaf. F'nofs-in-nhar jatuhom 4 libbri (mar-ratlejn u 9 ewiek) ful, wara jiskuhom, wi nbagħad joħorġuhom biex jirgħu xi ftit. Fil-għaxija jarġgħu jatuhom mas-26 ukija silla u ftit aħdar, bħal ma ngħidu aħna, werak tal-pastard jew pastardiet sħaħ. F'dan il-cas cull mogħża jatuha pastarda li titkatta' bcejjeċ

żgħar; il-bcejjeċ ħoxnin jiscartawhom il-ghaliex jecc jakgħu fl-art il-mogħoż ma jmissuhomx. Il-pastard, m'għandniex x'ingħidu, jatuhomlhom fl-istaġun tagħhom, minn Novembru sa l-aħħar ta' Frar; minn Marzu sa Mejju jatuhom silla u furrajna ħadra; fix-xhur l-oħra tas-sena jatuhom il-pal tal-bajtar tax-xewc billi dawn inaddfuhomlhom mix-xewc u jkattgħuhomlhom bcejjeċ. Bħala regola jatuhom erba' werkiet tal-pal li jiżnu madwar 9 libbri jew mal-wiżna u 5 ewiek. Wara li jagħilfuhom, il-mogħoż jiskuhom. L-aħdar jatuhulhom fil-għaxija biss; il-ful xi mindakkiet fil-għodu u xi mindakkiet fil-għaxija, barra milli f'nofs in-nhar. Il-mogħża ma tinbagħatx għand ir-raħal biex titgħammar kabel ma tix-xotta mill-ħalib b'mod li ħalibha ma jcunx ifendi iżjed. Ir-ragħajja jaħsbu illi il-mogħża li tittieħed għand ir-raħal għar-razza jista' jiġrilha xi ħsara, u għalhecc chemm jista' jcun idumu ma jieħduhom. Hemm mogħoż illi damu jaħilbu għal bosta snin mingħajr ma ittieħdu katt għand ir-raħħal. Għalchemm xi wħud mill-mogħoż jeħduhom sentejn wara illi jferrgħu, bħala regola generali, il-mogħża tittieħed għand ir-raħħal disa' xhur wara li jcollha l-ghidien.

Dawc ir-ragħajja li ma jcollhomx il-botbot jibagħtu l-mogħoż tagħhom mal-merħla ta' dawc ir-raħħala li jcollhom il-btabat. Dawn in-nies jieħdu l-incaricu li jirgħu dawn il-btabat il-ġurnata collha, barra mill-ħinijiet ta' nofs-in-nhar, mita jarġgħu jiħduhom lejn il-makjel biex jagħilfuhom. Wara li tinżamm għand ir-raħħal għal żmien ta' minn ħmistax sa tlitt xhur, il-mogħża tarġa' tinbagħat għand sidha. Il-mogħża tinbagħat biex titgħammar mita jcollha sitta jew seba' xhur. Il-50 fil-mija jildu boton ta' tnejn, wil-50 fil-mija l-oħra ta' tlieta. Ghidja ta' l-ewwel ictarx tferragħ ghidi jew ghidja waħda.

Ghidi jinkatel ictarx mita jcollu ħmistax-il-ġurnata żmien; iżda, mita jinżamm għat-trobbija, iħalluh m'ommu għal erbgħin ġurnata. Sabiex iġagħluha tinfatam, il-ghidja jew ghidi, jpoġġuha ma' oħrajn u b'hecc ommha ma tibkax tagħrafha u ma tħallihiex tarda' iżjed. Din il-ghidja titrabba bil-farru, bis-silla niexfa, fuk l-aħdar wil-ward sa chemm icollha erba' xhur, u wara dan iż-żmien joħorġuha tira' u jatuha tiecol l-istess għalf bħal mogħoż l-oħra. Fil-wakt li tcun kiegħda tarda', il-ghidja jħalluha ma' l-omm darba fil-għodu u darba oħra fil-għaxija, iżda bħala drawwa ma jħalluhiex tarda' ħlief darba biss, jiġifieri fil-għaxija. Crepin fl-opra tiegħu, *La Chevre*, mita tchellem fuk il-mogħża maltija, kal illi r-ragħajja maltin fl-aħħar xahar tat-tkala jogħorcu b'idejhom il-beżżuliet tal-mogħża. Iżda dana mhux minnu, il-ghaliex ir-ragħajja jokogħdu wisk attenti li ma jmissux il-mogħża mita dina tcun f'dac l-istat.

Jakbel ħafna li wieħed iżomm mogħża sachemm icollha disa' jew għaxar snin, iżda fil-bogħod li mogħża tinżamm dan iż-żmien collu, il-ghaliex il-mogħoż jinkatlu wisk kabel id-disa' snin. Wara ħames jew sitt snin, u l-ictar f'dawc il-merħliet li ma jcollhomx il-botbot, chif ictarx il-merħliet collha, il-mogħża, mita tittieħed għand ir-raħal biex titgħammar, generalment timrad bl-infjammazzjoni fil-beżżula jew bid-deni biered. Il-mogħża tibda taħleb mita jcollha tlittax jew ħmistax il-xahar.

### MARD TAL-MOGHOŻ.

L-ictar mardiet importanti fil-mogħoż huma l-infjammazzjoni tal-beżżula wid-deni biered ; il-mard l-ieħor mhux ta' min isemmih. L-infjammazzjoni f'beżżuliet il-mogħża, li hija comuni ħafna, ir-rgiel tal-mogħoż jibżgħu minnha ħafna. Dawna huma s-sinjali tal-marda: il-ħalib għall-ewwel jagħkad ħafna wi nbagħad isir ħafif wil-bżieżel jintefħu, u minn gewwa titrabbielhom il-materia (cancrena). Jecc il-marda tibka' fil-beżżula biss, il-mogħża tinkatel u laħamha jinbiegħ. Din il-marda tigi mill-għamla u mill-cobor żejjed ta' l-istess beżżula. Dawn huma li jiccaġunaw il-marda fil-mogħża. Id-demm jistanja gewwa l-vina u b'hecc ic-circolazzjoni tonkos u għalchemm ma tikafx.

# SULFAT TAR-RAM
## (CUPRU)
### MARCA "MAPLE"

**TRAB JEW CRISTALLI- -GARANTIT 98/100 FIL-MIJA PUR.**

Il-bdiewa collha għandhom jinsistu li jtuhom il-famuża marca "Maple" mita jixtru il-cupru (sulfat tar-ram) għall-bexx. Dan hu materjal li ma jgħaddih xejn, idub malajr u ma jsoddx iż-żennuna tal-pompa tal-bexx.

Wara esperimenti magħmula għal bosta żmien gie ippruvat illi l-prodott joctor mita l-patata tigi mbixxa. Il-marca "Maple" hu użat mad-dinja collha għall-bexx, għaliex hu ta' purità cbira li ma tonkos minnu katt.

Jinxtara minn għand in-neguzjanti principali f'Malta, jew dirett minn għand:

The British Sulphate of Copper Association Limited
Victoria Station House,
Victoria Street,
London S.W.
England.

Il-mogħoż li jinżammu ictarx dejjem fuk il-maxtura tal-makjel issibhom li jomordu iżjed minn dawc l-oħra li jirgħu barra. Biex wieħed jilkagħlhom u ma jħallix li il-marda tidħol il-gewwa tajjeb li togħorchilhom il-beżżula. Xi wħud idaħħlulhom il-beżżula gewwa borża tal-ixchejjer u jarfgħuhielhom il-fuq biex ma titcaxcarx.

L-ictar marda comuni fost il-mogħoż huwa d-deni ondulanti, jew chif insejħulu deni irkik jew biered. Ma jcunx barra minn locu li wieħed igħid fil-kosor xi ħaġa chif din il-marda tittieħed mill-mogħża. Id-dudu jew microbu tal-marda ma sabux Bruce, chif bosta nies jaħsbu.

Fl-1905 f'Malta giet Cummissjoni sabiex tfittex wi ssib il-caġun ta' din il-marda li biha chienu mardu bosta nies minn ta' l-Armata u tan-Naval li chienu stazzjonati f'dawn il-Gżejjer. Saru xi provi fuk ix-xadini li chienu jingiebu mis-Ceylon bil-mezz ta' ditta. Il-Professur Zammit, li chien l-unicu Malti f'dic il-Cummissjoni, giet f'rasu u talab li jsiru provi fuk il-mogħża, u hecc sar. Minn sitt mogħżiet li eżaminaw sabu ħamsa minnhom morda bid-deni. Dan juri li ebda wieħed ħlief il-Professur Zammit fost il-membri tal-Cummissjoni ma rnexxielu jsib il-microbu tad-deni rkik fil-mogħża, illi il-lum nistgħu ngħidu hija l-mezz li biha l-bniedem kiegħed jittieħed b'din il-marda chiefra.

Il-mogħża għandha xeħta cbira għattnissil ta' dan il-microbu illi fiha jgħammar u jgħix. Malli tiddaccar bil-marda, il-mogħża takta' mill-quantità ta' ħalib li soltu taħleb, u fuk hecc tinbagħat għand ir-raħal fejn titħallat ma' mogħoż safja u iccappashom bil-mezz tar-redus u ta' l-aurina. Il-botbot ma jittieħidx mill-mogħża, u għalhecc katt ma nsabu btabat imċappsin bil-marda, ħlief wieħed. L-Ufficcju tas-Sanità kiegħed ifittex cull mezz biex ma jħallix il-marda tinxered. Cull ufficjal tas-Sanità għandu l-jedd jidħol f'cull post tal-mogħoż ma' tul il-ġurnata sabiex jispezzjona u jeżamina il-mogħoż u jieħu minn cull mogħża campjun jew iżjed ta' ħalib jew demm, jew ta' ħalib u demm flimchien. Jecc fl-eżami tal-ħalib u tad-demm jinsab illi l-mogħża hija marida bid-deni r-rkik, il-Gvern jiġborha u jixtriha, wi nbagħad tinkatel, wil-laħam tagħha, wara li jgħaddi minn fuk in-nar, jitkassam lill-istituti tal-Carità. Barra minn dana, cull tabib curanti huwa fid-dmir li jirrapporta lil l-Ufficcju tas-Sanità cull marid li jcun marid bid-deni rkik u minnufih, inbagħad, l-Ispettur Sanitarju jieħu ħsieb jitchixxef l-isem u l-indirizz tar-ragel tal-mogħoż li jcun serva bil-ħalib lil dan il-marid. Wara din il-biċċa xogħol, l-Ispettur Sanitarju tad-distrett, fejn tcun il-merħla li minnha l-marid chien jisserva bil-ħalib, jieħu l-ħalib wid-demm minn cull mogħża ta' dil-merħla, u jecc fosthom tinsab waħda jew iżjed imcappsin bil-marda, dawn jittieħdu u jinxtraw mill-Gvern. Wara dan collu, l-Ispettur Sanitarju jordna t-tibjid fil-makjel tal-mogħoż u jara wcoll il-post icunx miżmum nadif u scond dac collu li hu meħtieġ mil-ligi. Il-mogħoż, mita joħorġu fit-triek tal-belt jew raħal fejn jinbiegħ il-ħalib, icollhom is-sarima f'ħalkhom. Il-marda fost il-mogħoż tittieħed mill-aurina li tmiss ma' xi ferita jew barxa fil-bżieżel. Billi l-mogħoż jinħalbu fil-bibien tal-parruccjani, dawn il-merħliet icollhom jimxu biċċa triek twila mill-makjel tagħhom sal-postijiet fejn jinħalbu, u billi tarġa' dawn il-mogħoż għandhom sidirhom ictarx mimli u cbir, biżlejhom spiss jaħbtu ma' sakajhom ta' wara u b'hecc iġerrħuhom u jisolħuhom.

Illi il-marda fost il-mogħoż l-ictar li tittieħed mill-aurina hija ħaġa li jafuha bi prova. Fl-imkajjel li għandhom l-art imżerżka, dic il-mogħża li taħbat f'tarf irringhiela t'isfel sabuha li katt ma iċċappas lil sħabha, iżda dic tat-tarf ta' fuk dlonc tnigges lit-tieni waħda, u din inbagħad lil ta' fejnha, u hecc il-marda tgħaddi minn waħda għal l-oħra.

Fl-1928 il-Gvern ta' Malta talab lill-Professur Zammit biex jistudja fuk dil-marda tal-mogħoż u jfittex xi mezz biex il-mogħża ma timradx. Dan il-Professur, flimchien mat-tabib J. C. Debono, fl-1929, ħarġu l-ewwel rapport tax-xogħol li għamlu. Mill-istudju li għamlu, deher illi

dawc il-mogħoż li fl-eżami tal-ħalib jew tad-demm ma chinux juru sinjali ta' mard, mita nbagħad katluhom u fetħuhom, biċċa minnhom sabuhom morda: u din chienet ħaġa li fixclithom biex jiddiciedu sewwa fuk dil-quistioni. Imħabba li l-esperimenti tagħhom saru fuk numru wisk ċchejchen ta' mogħoż, ħtigilhom, li biex icunu żġuri minn dawn ir-risultati, itemmu dawn l-esperimenti fuk numru acbar ta' mogħoż, u għalhecc dan ix-xogħol bi ħsiebu jitcompla. M'għandix x'ingħid iżjed fuk dan l-esperiment u dawc il-provi l-oħra li saru wara, għaliex fukhom chien chiteb l-istess Professur Zammit fin-Numri 1, 2 u 3 ta' din ir-Rivista (Dicembru, 1932, Jannar u Frar, 1933). Jecc aħna jirnexxielna nagħmlu dac li hu sab wara studji cbar, il-mogħża tagħna għandha tinfeda milgħajb ta' din il-marda, tarġa' tintrafa' u żgur li aħjar minnha ma jcunx hawn fid-dinja. Il-lum biex tixrob il-ħalib mingħajr ma timbocca d-deni rkik, jiħtieġ li tgħallih.

MEZZI BIEX IR-RAZZA WIN-NISEL IGGIBHOM L-KUDDIEM.

L-unicu mezz biex wieħed jimmiljora r-razza tal-mogħża Maltija u jarġa' jsaffiha u jgibha għalli chienet huwa li jitwakkaf razzett jew għalka tal-Gvern għat-tnissil ġdid ta' razez tajba. Aħna m'għandniex hawn Malta il-veru ragel tal-mogħoż jew raħħal li jaf inissel u jrabbi l-mogħoż, u li chiecu biss chellna, billi dawn in-nies huma neksin minn tagħlim tecnicu, ma jistgħu katt jagħmlu dic il-għażla ta' bhejjem scond ma hi mitluba mix-xienza.

Wara li jitwakkaf dan ir-razzett jew għalka tal-mogħoż, it-tieni ħaġa li għandha ssir hija li wieħed jagħżel il-mogħoż tal-għamla meħtieġa u jlakkagħhom ma' btabat li huma tajbin bi prova wi mnisslin minn mogħoż li jaħilbu tajjeb; għandu wcoll wieħed jipprova jħallat ir-razza maltija ma' razez oħra ta' barra, minn dawc li jaħilbu katigħ sabiex wieħed inissel mogħoż, illi għalchemm jistgħu wcoll xi ftit jimtessu bil-mard, (il-għaliex ma jidhirx li tinsab ebda razza ta' mogħoż li ma timradx bid-deni irkik), minnhom icolloc nisel li, chemm jista' jcun, ma jimradx bid-deni rkik. Jista' wcoll wieħed jipprova jżommhom fuk it-tmigħ ta' għalf bil-kies, mingħajr b'hecc ma' tcun kiegħed tnakkas millqualità jew mill-quantità tal-ħalib. Il-ful li jingħata culjum lil-mogħoż jiswa minn 6 sa 7 soldi, u jecc flocu wieħed jista' jatihom xi ħaġ'oħra, innefka tcun inkas wir-ragel tal-mogħoż icun iżjed jakbillu.

Icun hemm bżonn ucoll li nsibu xi mezz biex il-mogħża tcun taħleb iżjed milli kiegħda taħleb. F'Parigi Crepin ha 600 litru (mal-1,055 infas) ħalib minn mogħża maltija illi f'pajjiżhom ma tatix iżjed minn 550 litru jew 967 infas. Irragħajja mita jaħilbu l-mogħża ma jkaxkxuhiex il-għaliex, chif jaħsbu, b'hecc icunu kegħdin jagħmlu ħsara lill-mogħża fil-quantità ta' ħalib li tista' tati. Din il-fehma, iżda, mhux ta' min jimxi fukha, il-għaliex, contra dac collu li jifhmu ir-rgiel tal-mogħoż, il-ftit ħalib li jibka' f'sider il-mogħża ifixchel it-tisfija tal-ħalib, u b'hecc inakkasha mhux ftit jecc ucoll ma jwakkafhiex għal collox. Barra minn dan, il-ftit ħalib li jibka' f'sider il-mogħża jcun fih iżjed grass. Imħabba li il-ħalib jinbiegħ fit-triek u jitkassam lill-parruccjani dritt minn sider il-mogħża, mhix ħaġa possibbli li il-mogħoż jinħalbu f'ħinijiet fissi (darbtejn jew tliet darbiet culjum).

Dawc il-mogħoż li mhumiex ta' razza tajba jixrak li wieħed jiscartahom, filwakt li jakbel ucoll li nibdew nsiefru xi mogħoż, l-ictar f'dawc il-pajjiżi fejn il-mergħa tal-bhejjem kiegħda tonkos. Din il-ħaġa għandha tfendi, l-ictar mita nafu illi il-mogħża maltija dlonc tidra titmantna fuk il-għalf niexef tal-maxtura, li huwa sinjal tajjeb u ta' vantaġġ fil-mogħża maltija, mita wieħed ikis ucoll illi l-mogħża tagħna hija waħda minn dawc il-bhejjem li għandhom xeħta cbira biex jibdlu posthom minn art għal oħra.

Għandhom isiru l-wirjiet tal-mogħoż u fihom jingħataw premijiet sbieħ biex

jincoraggixxu it-tnissil wit-torbija ta' razez tajba tal-mogħoż u fihom ma' jdaħħlux ħlief dawc il-mogħoż u dawc il-għidien li huma ta' razza pura. Fl-aħħarnett għandu bżonn isir xi progett, taħt il-Ministeru tal-Biedja, sabiex icun hemm imniżżel bil-mictub il-quantità ta' ħalib li tinħaleb fis-sena mill-merħliet tal-pajjiż.

o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o

Allées Paul Riquet 53, BEZIERS

FABBRICA FRANCIŻA TA' PRODOTTI CHIMICI ENOLOGICI

"LA LITTORALE"

Meta tużaw dawn il-prodotti tistgħu tcunu żguri illi bihom icollcom inbejjed tajbin u f'saħħithom.

U affarijiet oħra contra l-mardijiet collha tal-inbejjed illi huma l-biċċa l-cbira:

Inbejjed li jibkgħu imdardrin wara l-fermentazzjoni.
Inbejjed attaccati bil-marda ta' l-ispont.
Inbejjed mudlamin wi msaħħbin.

Għal cull ma jcollcom bżonn, Macni tal-Għasir, Torchi, Pompi u ħafna affarijiet meħtieġa għal cull fabbricant tal-inbid.

Cataloghi u prezzijiet, irricorru għand l-Agenti,

**ENOT. GIUS. LA ROSA DE CRISTOFARO & FIGLI,**
**278 E. F. G. Q. Strada Reale, Hamrun—Malta.**

o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o—o

ŻRIERAGĦ U GĦODDA TAR-RABA'.

Għall-bżonnijiet tar-raba' wil-ġonna kis li tisserva biss minn għand neguzjanti tajba, li ma jkarrkux bic.

Jecc trid ŻERRIEGĦA TAJBA U MAGĦŻULA, SULFAT TAL-AMMONIA, marca I.C.I., INSETTICIDA li joktol il-bergħud tal-uċuħ u tas-siġar, POMPI TAL-BEXX, CULL MA JIĦTIEĠ GĦAR-RABA', mur għand id-Ditta magħrufa mill-bdiewa.

**G. M. BUGEJA & Co.**
**(Agricultural & Horticultural Merchants)**
**25 SDA. FORNI, IL BELT.**

# Il-Ħanżir wil-Fdal tal-Birrerija (Fermentazz).

(*Prof. J. Borg, M.A., M.D., Suprintendent tal-Biedja.*)

Fil-Birrerija, wara l-fermentazzjoni tal-"malt" jibka' bħal kiegħ jew "fdal" li f'pajjiżi oħra jużawh ħafna biex isemmnu l-ħnieżer. Il-"malt" mhux ħaġa oħra ħlief xgħir nofsu mnebbet, u wakt dan it-tnebbit, il-lamtu li fih jitbiddel fi glucosju (zoccor). Wakt il-fermentazzjoni għal birra dan il-glucosju jinbidel u jsir spirtu. Wara li tittieħed il-birra jibka' l-kiegħ jew fdal tagħha, li jista' jiswa għat-tismin tal-ħnieżer, imma ftit li xejn għadu użat f'dawn il-gżejjer, u għalhecc il-birreriji tagħna icollhom jesportawh biex jinbiegħ barra.

Dan il-fdal, chif icun għadu gej frisc mill-birrerija, icun fih mal-75 fil-mija tal-pis tiegħu ilma, wil-bkija jicconsisti (1) fi ħliefa tax-xgħir, (2) fi ftit lamtu li chien baka' ma sarx glucosju wakt l-operazzjoni tat-tnebbit biex ix-xgħir isir "malt," (3) f'coċċ ġmielu glucosju (zoccor) li ma laħakx sar spirtu wakt il-fermentazzjoni tal-birra (4) fil-glutine li chien jeżisti fix-xgħir u baka', tista' tgħid, chif chien wara l-fermentazzjoni tal-birra (5) il-ferment tal-birra, u (6) xi xgħiriet li bakgħu ebsin u ma laħkux ixxarrbu tajjeb wakt il-fermentazzjoni, u għalhecc il-"malt" (glucosju) li chien fihom ma sarx spirtu, u baka' chif chien.

Mela s-sustanza ta' dan il-fdal, bħala ġwież għall-annimali, ticconsisti l-ewwel-nett fil-glutine li fih, u dan il-glutine huwa tassew sustanzjus biex jagħmel il-laħam, imma ticconsisti ucoll fil-ftit tal-lamtu u ta' zoccor (glucosju) li jibka' fix-xgħir wara l-fermentazzjoni, għalavolja ix-xgħir icun mitħun u magħmul bħal dkik biex jixxarrab u jeħmer malajr wakt il-fermentazzjoni.

M'hemmx bżonn ngħidu li dan il-fdal tal-birrerija mhux sejjer iħabbatha mas-smida u inkas mal-granza fina, specialment jecc dina titgħassed bix-xorrox tal-ħalib, għalbiex issemmen il-ħnieżer u twassalhom għall-biccerija. Imma dejjem huwa ġwież tajjeb wisk għat-tismin, u mhux ta' min jitilfu mita ssib tixtrih bir-rħis. Huwa actarx xi ftit iebes għad-digestioni biex igħaddi minn fuk l-istoncu, u għalhecc jintama' l-iżjed lill-ħanżira li kiegħda tradda', u li tintelak tiġri, maż-żgħar tagħha. Jintama' ucoll lill-ħnieżer li kegħdin jirgħu u għadhom kegħdin jicbru, għaliex chif jaf culħadd, mita l-annimal icun jimraħ u jiġri, l-istoncu tiegħu jaħdem aħjar u jicconsma iżjed ichel minn annimal magħluk f'dakxejn ta' makjel, fejn, wara li jiecol, jinxteħet jimtedd jew jorkod. Dan il-fdal għandu jingħata mħallat ma ġwież ieħor, u fix-xitwa aħjar li chiecu wieħed isaħħnu bħas-smida biex ifittex igħaddi minn fuk l-istoncu.


| FOR SALE | GĦALL-BEJGĦ |
| --- | --- |
| **Black Sheets** | PIANCI TAL-AZZAR |
| **Galv^d Sheets** | ISWED U ZINGAT |
| CORRUGATED & PLAIN | CORRUGATI U LIXXI |
| *All sizes and gauges in stock also Defectives and Seconds.* | *ta' cull daks u ħxuna chif ucoll foljetta difettusa u seconda, bir-rħis.* |
| Send full specifications to: | Mal-ordni ibgħat il-particolari collha: |

**E. HIND** (SOUTH BANK) LTD. IMPERIAL WORKS, SOUTH BANK-ON-TEES — ENGLAND.

# "CLIMAX" PUMPING WINDMILLS,
## PUMPS, PUMPING MACHINERY & ACCESSORIES.

THOMAS & SON (Worcester) Ltd.,
Windmill Manufacturers,
(WORCESTER).

**MTIEHEN TAR-RIH INĠLIŻI, GHAR-RFIGH TAL-ILMA TAD-DAR ANTICA MAGHRUFA CULLIMCHIEN.**

Dawn l-imtieħen għas-sakwi huma ta' forza cbira u jistgħu jiġu adattati biex itellgħu l-ilma minn profondità ta' actar minn 500 pied.

Irraccmandati u mfaħħrin mill-bdiewa għar-raġuni li jisbku lill cull xorta ta' mtieħen oħra, fix-xogħol, fis-saħħa u fil-ġmiel.



Fost oħrajn għandhom dawn il-meriti :—

1. Jaħdmu fuk il-ball-bearings u għaldakstant iduru b'ħeffa cbira.
2. Jieħdu żejt għal sena, u ma jcollhom bżonn ta' l-ebda attenzjoni.
3. Ingranaggi doppi tal-azzar bid-dras maktugħin bil-magna, mhux fun-duti.
4. It-torri tagħhom tal-azzar ucoll, kawwi u sabiħ, iggalvanizzat wara li jinħadem.
5. Faċli biex tħaddimhom u fl-istess ħin ta' sicurezza cbira biex tirregolahom fid-dawrien jew biex twakkafhom.
6. Prezzijiet irħas, qualità aħjar u isbaħ mill-imtieħen americani.

Meccanismu magħluk għal colox, biex ma tidħolx xita jew ramel.

Id-Dar toffri garanzija għal ħsara li tista' tiġri żmien sena li tcun ilha ippustjata il-mitħna.

**Ixtri waħda minn dawn l-imtieħen u rdoppia il-wiċċ tar-raba' tiegħec.**

Għal verità staksu lil dawc li għandhom minn dawn l-imtieħen li ġà huma bosta f'Malta u Għawdex.

Barra minn dan, **Pompi tal-bronż biex ittalla' l-ilma u muturi ta' cull daks u qualita'**.

*Agent unicu għal Malta u Għawdex:*
CARMELO REFALO,
54, STRADA CORSA,
CACCIA—GOZO.

# *Chif tibgħat Prodotti għal Wirja.*

( *C. Zammit-Marmarà F.R.H.S., Consultur Agricolu f'Malta għall-"I.C.I.".*)

Culħadd jaf li fil-gżejjer tagħna jsiru erba' wirjiet tal-Prodotti tal-ġonna u tar-raba'. Tnejn minnhom isiru mill-"Horticultural Society", waħda fil-bidu ta' Mejju u oħra fil-bidu ta' Novembru u oħra mis-"Società Economico-Agraria" lejlet u nhar L-Imnarja u oħra mill-"Comitato Agricolo-Industriale" ta' Għawdex, nhar Santa Marija.

Dawn il-wirjiet huma ta' gid cbir għall-pajjiż u chemm jista' jcun culħadd imissu jgħinhom.

Mhux biżżejjed illi il-bidwi jinżel fil-għalka ġurnata kabel il-wirja, jakta' u jakla' dac li jidhirlu u l-għada jieħdu biex jesponih; jiħtieġ li hu jibda jieħu cura tal-prodott li fi ħsiebu jibgħat minn żmien kabel, billi jduru u jħarsu mill-mard u mill-mess ta' insetti, idemmlu u jiccultivah chif imiss.

Il-campjuni mgħażula tal-prodott għandhom icunu ta' daks tajjeb, għandhom jingħażlu bil-cura u jitkiegħdu fuk il-mejda tal-wirja bil-għakal u b'mod li jidhru. Il-*Piselli* wil-*Ful* għandhom icunu mimlija sewwa u frischi. Il-*Patata* għandha tcun collha indaks, nadifa mit-trab, bl-egħjun mhux fondi, mingħajr brix u mingħajr sinjali ta' mard. It-*Tuffieħ Tadam* għandu jcun misjur, ta' lewn wieħed, ta' għamla waħda u daks wieħed u ta' laħam sod. Il-*Carroti* (Zunnarija), *Nevew*, *Pitravi* u *Parsnip*, jiħtieġu li cull lott icun indaks, nadif mit-trab u frisc. Werak isfar jew niexef għandu jigi maktugħ bil-cura, mhux miġbud jew imkaċċat. Il-*Fażola ħadra* għandha tcun magħżula, l-imżiewet dritti, sodi, frischi u torja; imżiewet li fihom il-ħjut għandhom jiġu scartati, ucoll jecc icunu sbieħ u cbar. L-icbar *Currat* preferit hu dac li għandu zocc twil abjad u mingħajr ma' jifforma għokda fit-tarf. Il-*Pastard* jinħtieġ icun abjad, nadif, bil-kalba mhix imfarrca, ta' għamla tajba, tond u b'kalba iebsa mimlija. Il-*Cabocci* jinħtieġ icunu ta' kalba iebsa, mimlija, u b'werak sabiħ li ma jcunx mimsus mid-dud jew micul mid-dudu tal-farfett. Il-*Basal* għandu icollu koxra safja, imlaħħak sewwa u b'għonk kasir. Il-frott collu ta' qualità waħda, indaks, mingħajr taħsir u nadif.

Il-prodotti għal wirja għandhom jinkalgħu bil-cura biex ma jiġrilhom l-ebda ħsara. Il-*Patata*, malli tinkala', għandha titkiegħed f'caxxa u tigi mgħottija b'xi ħaġa biex il-koxra ma' tittebbax. Il-*Pitravi*, il-*Carrotti* in-*Nevew* u għeruk oħra għandhom l-ewwel jiġu imfarfra mit-trab wi nbagħad jitnaddfu bi sponża niedja u l-egħruk jiġu imneħħija bil-galbu. Il-werak ta' barra tal-cabocci għandhom jinkatgħu u dawc tal-pastard imkassra biex tidher sewwa il-kalba. Il-gidra m'għandhiex tinbagħat biz-zocc b'collox.

Mita l-prodotti iġġorrhom għal wirja hu ħsieb li tistivahom sewwa biex ma jiġrilhom ebda ħsara. L-aħjar ħaġa hija caxxa ċatta jew bxiechel, iżda katt xchejjer. Cull oggett għandu jitkiegħed bil-galbu u miegħu jitpoġġa xi tiben (għal patata ecc.) jew bċejjec taċ-ċraret. Jecc icolloc tkiegħed affarijiet fuk xulxin kis li l-itkal tpoġġihom taħt, u l-eħfef fil-wiċċ. Cull prodott li jista' jiġrilu ħsara (bħat-tuffieħ tadam) għandu jitkiegħed fil-wiċċ.

Mita tkiegħed l-oggetti fuk il-mejda tal-wirja, dawn għandec tkegħidhom b'mod li il-periti jistgħu jaraw cull ħaġa mingħajr ma' jcollhom ikalbu il-koffa. Katt ma għandec tkiegħed lott bis-sabiħ fil-wiċċ u taħt bl-icraħ; dan itellfec il-premju.

Neħħiha minn rasec illi għax l-oggett icun cbir għandu jieħu l-premju. Laringa mdakksa, b'kalba tajba, immerka u bi ftit żerriegħa jippreferuha minn waħda goffa, cbira, li għandha nofsha koxra. Katt tittanta tkarrak bil-periti billi tieħu għal wirja campjuni ta' pro-

dotti li m'humiex tal-pajjiż. Dan isir quasi f'cull wirja hawn Malta, wil-bidwi li jagħmel dan ix-xogħol imissu jigi sospis u ma' jħalluhx iżjed jieħu sehem fil-wirja.

Mita ħaddieħor jieħu l-premju u inti le, la tisbilx u tagħmel in-nervi. La tiħux il-premijiet u titlak tiġri ; dur u ara bir-rekka l-affarijiet ta' ħaddieħor u, jecc issib aħjar minn tiegħec, floc tokgħod tmakdarhom, ipprova agħmel bħalhom. Ftacar li dawn il-wirjiet isiru biex bdiewa oħra jitgħallmu minnec u inti titgħallem minnhom. Jecc dac li bgħatt ħa il-premju u bidwi ieħor jistaksic fuku, wieġbu sewwa u bil-ħakk; la tkarrakx bih għax tibża' li jcollu affarijiet bħal tiegħec. Jecc trid Alla jgħinec għin lill-bdiewa oħra bħalec, u b'hecc ucoll tcun kiegħed tgħin lil pajjiżec.

---

# *Frac.*

(*Prof. J. Borg, M.A., M.D., Suprintendent tal-Biedja.*)

---

## IL-BIEDJA FL-INGHILTERRA.

Sa fl-aħħar il-Gvern Ingliż intebaħ li hemm bżonn mill-iżjed fis li jitħarrec u jagħmel ħiltu biex isalva il-biedja ingliża u ma jħallihiex tegħrek għal collox. Intebaħ li biex jitma l-pajjiż. u biex ma jħallix il-campanja tinża' mill-popolazzjoni u tiffolla lejn l-ibliet, fejn tcompli iżżid il-cotra tan-nies bla xogħol, m'hemmx mezz ieħor ħlief li jgħin u jiddefendi l-biedja tal-pajjiż, u b'hecc titwettak il-għajta ingliża: *Back to the land*, *l-ura lejn l-art*, jigifieri jerġgħu l-ura lejn ir-raba' in-nies żejda wi mgewħin li hemm fl-ibliet. F'dawn l-aħħar għaxar snin eluf cbar ta' mdied ta' raba' fl-Inghilterra ma bakgħux jinħartu u jinħadmu, u ħallewhom moxa u ġmiem bil-ħaxix għal mergħa tal-bhejjem, għaliex sabu li bir-roħs ta' tgħam u tal-uċuh ix-xogħol tar-raba' ma bakax iħalli kligħ għal min jaħdmu, wil-bdiewa saru mdejnin u falluti ; fil-wakt li il-mergħa tal-bhejjem ma titlobx xogħol u spejjeż. Mill-banda l-oħra, bil-cotra cbira ta' laħam li chien dieħel fl-Inghilterra mill-pajjiżi collha, u l-iżjed ta' laħam congelat, perżut u bacon, ġara li il-bdiewa ingliżi sabu ruħhom batuti għal dic li hi torbija tal-bhejjem, u għalhecc raġa' ndaħal il-Gvern Ingliż u għamel dazji kawwija fuk il-prodotti tal-biedja li jidħlu fl-Inghilterra minn pajjiżi li m'humhiex taħt bandiera ingliża. Dawn id-dazji għamlu gid cbir lill-biedja ingliża, wil-lum il-bdiewa ingliżi reġgħu bdew jieħdu ir-ruħ, u jirtefgħu mill-għacs li chien waka' fukhom ; bdew jatuha iżjed għaż-żrigħ tal-prodotti tal-kamħ u ta' tgħam ieħor, chif ucoll għall-ħxejjex u għelejjel tal-ċċina, u għat-torbija tal-bhejjem u tat-tjur għal-laħam, għal ħalib u għal bajd.

Il-Għakda tal-bdiewa Ingliżi f'Leicester kegħdin jirsistu biex fil-cuntratti tal-laħam għall-armata ingliża fl-Inghilterra, icun hemm patt li il-laħam jeħtieġ icun laħam imrobbi jew imsemmen fl-Inghilterra. Prosit! Min ilumhom jecc ħobżhom u ħobż uliedhom ma jriduhx jirtema għal clieb ?

Fil-"Farmer and Stockbreeder" tat-3 ta' Lulju li għadda insibu li il-Cunsill tas-Società Ingliża tal-bakar tar-razza *British Friesians*, sejrin jerġgħu jixtru mill-Olanda għadd sabiħ ta' gniedes tar-razza *Friesians* (Olandiżi) biex ir-razza ingliża *British Friesian* tissocta titjieb iżjed.

Sas-17 ta' Ġunju il-patata bicrija li daħlet fl-Inghilterra minn Jersey (*Channel Islands*) laħħket 47,752 tunnellata, u tiswa għal £487, 311.

Fis-7 ta' Lulju li għadda infetħet fl-Inghilterra fabbrica ġdida tal "*potted*" tad-ditta W. P. Hartly Ltd., f'Anitree, Lancashire u minnufih id-ditta għamlet cuntratti mal-bdiewa biex jiżirgħu prodotti li jgħoddu għal "*potted*". Inżergħu mal-1,440 tomna raba' piżelli u fażola għal din il-fabbrica ġdida, u actarx li iż-żrigħ icollu jiżdied bil-bosta. F'din il-fabbrica il-piżelli fl-imżiewet tinxteħet fil-macna minn banda waħda, titfeżdak, tinħasel, tissajjar, u tigi ippacchjata fil-landi u toħroġ lesta għal collox mill-banda l-oħra mingħajr ma jcun messha ħadd b'idejh! Dawn il-fabbrichi huma ta' għajnuna cbira għal biedja tal-pajjiż. Kiegħda issir fabbrica oħra cbira tal-*potted* f'Collington (Devonshire). Issa, li sar id-dazju fuk il-*potted* u fuk il-cunservi, naħsbu li il-fabbrichi ta' Malta jissodaw fix-xogħol tagħhom, u dan icun ta' gid cbir għall-bdiewa tagħna.

Il-merħla tal-bakar tal-ħalib, tar-razza pura Guernsey, li chienet ta' Lord Remnant, u chienet tgħodd 43 ras inbiegħet bl-ircant, u giebet iżjed minn £52 minn ras għal oħra. Ghendus prim laħħak £126 u erħa prima ta' sena giebet £94.

Mr. Thomas, Ministru għad-Dominions, (il-Colonji l-cbar), f'risposta li ta lil Sir Percy Hurd, kal li f'Melboure (Australia) fis-16 ta' Mejju li għadda, il-butir chien jinbiegħ bil-prezz ta' £6. 3. 6. il-kantar ingliż, fil-wakt li fl-Inghilterra fl-istess jum, butir australjan ta' l-istess qualità chien jinbiegħ bil-prezz ta' £4 il-kantar ingliż. Sir Percy kal, "Mela fl-Australia il-butir kiegħed jinbiegħ bil-għoli, biex icun jista' jinbiegħ bir-rħis fl-Inghilterra," wil-Minisiru wiegeb: "Hecc għandu jcun, milli jidher". Dan huwa dac li jgħidulu *dumping*, u jecc dawn in-nuguzjanti ma jokogħdux attenti jista' jiġri li għal dac li huwa dazju, id-Dominions wil-Colonji ma jibkgħux igawdu il-vantaġġ tal-preferenza (bla dazju) fuk il-prodott tal-pajjiżi frustieri.

Kiegħed isir ftehim bejn l-Istati Uniti tal-America, il-Canada, l-Argentina u l-Australia biex inakksu ż-żrigħ tal-kamħ, biex il-prezzijiet ma jibkgħux hecc baxxi li il-biedja tal-kamħ timxi bittelf u mhux bil-kligħ. Jgħidu li l-Australia għadha ma tridx tidħol f'dan il-ftehim, għad li hi migduma daks pajjiżi oħra.

Greenwood ipprova illi l-isvilupp ta' l-għalla fl-egħwietak għandu x'jaksam sewwa mat-tibjid tat-tigieġ. Dana osservajnieh aħna stess, għaliex minn kabda għewietak ta' ħames xhur u nofs, waħda biss tbid, u din bdiet tbid minn mindu chellha erba' xhur u gimgħa; din l-għattuka għandha l-għalla cbira, wakt li l-oħrajn li għadhom ma fetħux ibidu, l-għalla tagħhom żgħira.

Il-President ta' l-America kiegħed jagħmel ħiltu collha biex jarfa' l-prezzijiet tal-prodotti tal-biedja. Wieħed mir-rimedji li sejrin isiru hu in-nukkas ta' dawc il-coltivazzjonijiet li niżlu l-iżjed fil-prezz. Għalhecc, l-art li tinżara' bil-kamħ is-sena li gejja tcun 15 fil-mija inkas mis-soltu; jigifieri għal cull mitt tomna li dari chienet tinżara', il-lum tinżara b'85. Il-bdiewa collha li is-sena li gejja jiżirgħu quart inkas mill-wiċċ li chienu jiżirgħu kabel dis-sena, jieħdu daks $5^1/_2$d. għal cull libbra maħluġ li jipproduċu.

Fl-Italia ħolku dakxejn ta' pjan sabiex dawc l-artijiet moxa li għal xi raġuni jew oħra sa ftit ilu ma setgħux jinħadmu, jibdew iservuhom biex il-kuddiem jistgħu minnhom jieħdu l-prodotti u b'hecc ucoll jatu xogħol lill-bdiewa. Dan il-pjan icun lest dwar għoxrin sena oħra, u l-art li tcun saret raba' tcun fiha mat-18,000,000 tomna.




MACCHINE E MATERIALE PER VITICULTURA — ENOLOGIA — ENOCHIMICA E DISTILLAZIONE.

PRODOTTI CHIMICI PER LA CORREZIONE — CURA — CONSERVAZIONE DEI VINI.

CONSULTI TECNICI.

CATALOGO GRATIS A RICHIESTA.

**AGENZIA ENOLOGICA ITALIANA**

**Sede Centrale: MILANO**

**Filiale di CATANIA — Via 6 Aprile, 79**

MACNI U MATERJAL GHAT-TROBBIJA TAD-DWIELI — GHALL-EGHSIR TAL-INBID EŻAMI — TISWIJA TAL-MOST U LAMPICAR.

PRODOTTI CHIMICI GHAT-TISWIJA — CURA — U HAŻNA TA' NBEJJED.

PARIRI FUK IS-SENGHA TAL-FABBRICA TAL-INBID.

MIN JITLOB ICOLLU CATALOGU B'XEJN.

CUPRU! CUPRU! CUPRU!

Gabillotti fittxu l-interessi taghcom!

*Thallux il-patata tithassar ghan-nukkas tal-bexx.*

Thallux il-gheneb wil-bhajra jimtessu.

Użaw l-ahjar CUPRU Ingliż li jinsab f'Malta marca "MERSEY BRAND" irriccmandat mill-Ufficciu tal-Agricoltura tal-Inghilterra u approvat mill-Autorità ta' Malta.

Ippreferuh mill-marchi l-ohra collha.

Agent tieghu f'Malta:—

C. DEBONO, 41, Sda. Fianco, il-Belt.

(L-ewwel triek ta' kuddiem it-Teatru)

TELEFON. 354.